FGURA

Minuti tas-Sitt laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 11 ta' Novembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur Degiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur C.Bonello<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur A.Debono<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni ta' Minuti

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 14 ta' Ottubru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tal-14 t'Ottubru 2009.

1.02 Is-Sur C.Bonello talab korrezzjoni li l-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u mhux fid 9.15pm.

1.03 Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2581/09/6 "Il-Minuti ta' 14 ta' Ottubru jiġu emendati hekk: 6. Jum il-Fgura u Ġieħ il-Fgura, jitħassar il-kliem "trid tiġi studjata aħjar" u jiżdied il-kliem "tkun iċċelebrata f'qafas ta' jum iddedikat lil-ambjent. Kien hemm qbil dwar dan." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2581/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur, is-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo vvutaw kontra u s-Sur C.Bonello astjena.

1.04 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati.

1.05 **Minuti tal-Laqgħa 21 ta' Ottubru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tal-21 t'Ottubru 2009.

1.06 Is-Sur B.Camilleri talab korrezzjoni li fil-paragrafu ta' taħt l-attendenza minflok il kliem "Is-Sur B.Camilleri kien informa li ma setgħax jattendi, minħabba attivita' ta' Jum il-Fgura" tiġi "talab li jkun skużat minħabba li kellu ħidma oħra tal-Kunsill"

1.07 Is-Sur C.Bonello ressaq li huwa kien preżenti fil-laqgħa għalkemm mhux mill-bidu tal-laqgħa. Ġie deċiż li jitniżżel isem is-Sur C.Bonello bil-ħin ta' meta jkun daħal.

1.08 Il-Kunsilliera qablu ma dawn il-korrezzjonijiet.

1.09 Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2582/09/6 "l-aħħar żewġ paragrafi ta' item 2 għandhom jiġu kkanċellati minħabba li kienu "out of order". Din kienet sekondata mis-Sur A.Debono. Il-mozzjoni ref: 2582/09/6 ma kienetx approvata. Is-Sur C.Bonello, is-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo vvutaw favur. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw kontra.

1.10 Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa tal-21 t' Ottubru 2009 hekk kif korretti.

1.11 Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur A.Debono u s-Sur C.Bonello vvutaw kontra u s-Sur M.Lombardo astjena.

## 2. Korrispondenza

Ma kienet immarkata l-ebda korrispondenza.

## 3. Approvazzjoni Purchase Request Forms

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2583/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2583/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur M.Lombardo u s-Sur C.Bonello vvutaw favur. Is-Sur A.Debono astjena.

## 4. Approvazzjoni Ħlasijiet

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2584/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mil-Viċi-Sindku.

Is-Sur S.Camilleri talab aktar dettalji fuq il-paga tad-Deputat Segretarju, il-Kontijiet tal-Go u l-ħlas tal-Leon Promotions.

Is-Sur C.Bonello talab aktar dettalji fuq il-kont ta' l-Accountant is-Sur L Cauchi.

Il-Viċi-Sindku talab spjegazzjoni minħabba li qatt ma kien hemm għal approvazzjoni tal-Kunsill l-Onorarja tas-Sindku u l-paga tas-Sinjorina Anna Marie Curmi.

Id-Deputat Segretarju qal li ser jieħu ħsieb biex fl-laqgħa oħra jiġu għall-approvazzjoni il-pagamenti kollha li saru b'direct credit għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-mozzjoni ref: 2584/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur M.Lombardo u s-Sur C.Bonello vvutaw favur. Is-Sur A.Debono astjena.

5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.01 Is-Sindku nforma li x-xogħol fl-uffiċini tal-Kunsill issa baqalhom biss li tiġi rranġata s-sistema tal-elettriku.

5.02 Is-Sindku nforma li rċieva email minghand id-Direttur Natalino Attard rigward il-promo truks. Wara diskussjoni sar qbil li din hija wisq ġenerika u għandha tiġi mistħarġa aktar fil-fond.

5.03 Is-Sindku nforma li s-Sur Ray Cilia residenti l-Fgura talab u ordna s-servizz tal-gwardjan u ġara li fil-ħin u l-ġurnata l-gwardjan ma marx u għalhekk qed jitlob rifużjoni tal-ħlas li għamel għas-servizz. Wara diskussjoni sar qbil li tingħata din ir-rifużjoni tal-ħlas, iżda għandha tintbgħat ittra iebsa lill-kumpanija tal-gwardjani Sterling Security kkupjata lid-Dipartiment minħabba li dan in-nuqqas jista' jsarraf f' konsegwenzi aktar serji.

5.04 Is-Sindku staqsa jekk ghandniex permezz tal-Koptasin issir iż-żebgha tal-art fit-tielet fażi tal-Housing Estate. Il-Kunsill approva unanimament.

5.05 Is-Sindku nforma li nxtrat l-ashtray għall-ħdejn il-bieb tal-Kunsill.

5.06 Is-Sindku qal li kellu nvit verbali biex l-Annimal Trust flimkien mal-Kunsill tagħmel attivita' biex isir programm ta' nuetering. Is-Sur C.Bonello qal li l-aħjar li jgħaddulna aktar dettalji bil-miktub.

5.07 Is-Sindku qal li rigward mozzjoni ref: 2541/09/6 issa l-Kunsill wasal fl-istadju li jippjana u jagħmel l-istudji kollha neċessarji

biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni biex japplika għad-devoluzzjoni. Il-Viċi-Sindku għandu jagħti aktar dettalji lill-Kunsill.

5.08 Is-Sindku qal li l-Kunsill issa jista' jawtorizża l-lok fejn jarmaw il-hawkers tal-festa. Wara diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2585/09/6 "Li dan il-Kunsill jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni Festa Esterna 16 ta' Lulju, Fgura u għandu joħroġ il-permessi lil stands tal-ġugarelli fil-post indikat anness (fl-istess lok tal-festa l-oħra) fejn effettivament ramaw). Site plan annessa. Kor 213". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2585/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar vvotaw favur. Is-Sur A.Debono, Is-Sur M.Lombardo u s-Sur C.Bonello ivvotaw kontra.

5.09 Is-Sindku qal li t-TCTC offra lill-Kunsill biex jagħti korsijiet b' xejn għall-Fgurin, kull ma jkun hemm huwa ħlas għall-course notes. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Viċi Sindku qal li minħabba li hemm xejn anqas minn tlett Kunsilliera li huma responsabbli mill-Edukazzjoni hu mportanti li jkun hemm koordinazzjoni. Ġie deċiż li s-Sur B.Camilleri jkun il-koordinatur fuq l-attivitajiet edukattivi. Ġie deċiż li għandu jibda kors tal-bizzilla.

5.10 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien biex terġa toħroġ il-Ħidma. Sar qbil li fil-ħarġa li jmiss jiġi nkluż reklam u artiklu fuq l-anzjani. Ser ikun hemm ukoll xogħol tal-Kunsill, idejat/suġġerimenti mir-residenti, awguri għall-Milied u Jum il-Fgura.

## 6. <u>Progress ta' Ħidma / Rapport ta' Ħidma</u>

6.01 Is-Sur B.Camilleri qal li qed jitlob aktar informazzjoni fuq afterschool Aerobics biex il-Kunsill ikollu idea iktar wiesa ta' l-interess tar-residenti f'dan il-kors.

6.02 Is-Sur B.Camilleri nforma lill-Kunsill li rigward l-applikazzjoni għall-Kunsill taż-Żagħżagħ din ġiet aċċettata.

6.03 Is-Sinjura R.Cutajar ressqet ittra mill-Girls Junior Lyceum Zejtun, fejn hi qalet li ma taqbilx ma din il-proposta.

6.04 Is-Sinjura R.Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2586/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill jalloka is-somma ta' mhux aktar minn €400 sabiex jinxtraw ktieb kull skola fejn jattendu l-istudenti mill-Fgura f'Jum il-Premjazzjoni ta' l-iskola." Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-Viċi-Sindku qal li minħabba li din tinvolvi spiża, din il-proposta trid tiġi skrutinjata mill-Kumitat tal-Finanzi.

Il-mozzjoni ref: 2586/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, is-Sur M.Lombardo, s-Sur P.Dalli, s-Sur A.Debono, s-Sur B.Camilleri,

s-Sur C.Bonello u s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw favur. Il-Viċi-Sindku u s-Sur S.Camilleri vvotaw kontra.

6.05 Is-Sur S.Camilleri nforma lill-Kunsill li huwa kien tkellem mal-Perit D.Falzon rigward ix-xogħol tal-librerija u l-qlugħ ta' siġra, u l-għeluq ta' Pjazza Patri Redent Gauci. Minħabba hekk ma setgħax jifhem kif il-Perit D.Falzon f'email qal li ma jaf b'xejn. Ġie deċiż li tintbgħat e-mail lill-Perit D.Falzon biex ikompli x-xogħol kollu nkluż il-pjanta tal-estensjoni tal-librerija.

6.06 Is-Sur M.Lombardo qal li fejn ġejjin il-premisses il-ġodda tal-Kunsill hemm siġra mejta perikoluża.

6.07 Il-Viċi-Sindku qal li kull min għandu proposti għal Jum l-Ambjent jista' javviċinah. Rigward il-ġemellaġġi qal li għandu proposta waħda mill-Bulgarija. Is-Sur C.Bonello qal li din għandha tiġi diskussa anke jekk hemm biss proposta waħda. Il-Viċi-Sindku qal li huwa ma jħossx li għandna nikkunsidrawha. Is-Sur C.Bonello qal li qed jitlob ruling tas-Sindku għax deċiżjoni l-Kunsill irid jeħoda u mhux Kunsillier individwali rrelevanti huwiex responsabbli minn dak is-suġġett jew le.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2587/09/6 "Li dan il-Kunsill jagħmel il-preparamenti neċessarji biex iniedi ġemellaġ ma' villaġ fil-Bulgarija filwaqt li jiġu esplorati ġemellaġġi oħrajn." Din kienet sekondata mis-Sur M.Lombardo.

Il-Mozzjoni ref: 2587/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, is-Sur M.Lombardo, s-Sur A.Debono, s-Sinjura R.Cutajar, is-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri vvotaw favur. Il-Viċi-Sindku u s-Sur S.Camilleri vvotaw kontra.

Is-Sur S.Camilleri flimkien mal-Viċi-Sindku għamlu din id-dikjarazzjoni. "Jien Saviour Camilleri qed niddikjara li din il-mozzjoni ta' ġemellaġġ ma post il-bulgarija ġiet mingħajr ma kienet irreġistrata u mingħajr ma kien hemm fl-opinjoni tiegħi diskussjoni serja fuq is-suġġett. L-informazzjoni kellha tiġi għad-diskussjoni minn qabel".

## 7. <u>Mozzjonijiet</u>

7.01 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2573/09/6 "Dan il-Kunsill jagħmel ordni ta' ħamsin midalja tal-fidda għal premju Ħajr il-Fgura għal prezz ta' mhux aktar minn €3000 u li jagħti midalja kif jixraq lill-kull persuna distinta li ġew nominati għal dan il-Ġieh fl-2009. fuq l-istess mudell ta' Ġieħ il-Fgura, bl-engraving ta' l-isem skont il-każ." Din kienet sekondata mis-B.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2573/09/06 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur C.Bonello u s-Sur M.Lombardo ivvutaw favur. Is-Sur A.Debono vvota kontra.

7.02 Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2574/09/6 "Sabiex il-Kunsill jagħmel wiċċ ta' tarmak fit-Toroq Triq Gallu u Triq Wistin Levazin bi spiża ta' mhux aktar minn €80,000 skond stima tal-Perit annessa." Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2574/09/6 kienet approvata nem con.

7.03 Is-Sur M.Lombardo ġibed l-attenzjoni li mal-mozzjoni li rċieva hu ma kienx hemm stima tal-perit annessa. Is-Sindku qal li din kienet għad-disposizzjoni tal-Kunsilliera sa mill-4 ta' Novembru, 2009.

7.04 Is-Sur C.Bonello għamel din id-dikjarazzjoni " Re: Mozzjoni 2574/09/6 Il-mozzjoni hawn fuq imsemmija ma ġietx iċċirkolata b'mod komplut kif titlob il-liġi peress ma kienx hemm dokumentazzjoni annessa filwaqt li din il-mozzjoni tindika mod iehor."

7.05 Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2575/09/6 "Biex dan il-Kunsill japprova s-somma ta mhux aktar minn E350 għall żewġ ħarġiet għall anzjani waħda fis-26 ta Novembru u l-oħra fi 17 ta' Diċembru.". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2575/09/6 kienet approvata nem com.

7.06 Is-Sur S.Camilleri qal li jixtieq li fil-Ħidma tingħata spazju ta' kull xahar għall-anzjani. Is-Sur C.Bonello qal il-għala ma nagħmlux l-istess maż-żagħżagħ, edukazzjoni, persuni bi bżonnijiet speċjali etc.

7.07 Is-Sindku qal li m'għandux ikun hemm problema sakemm ikun hemm l-ispazju neċessarju.

7.08 Is-Sinjura R.Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2576/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill japprova is-somma ta' mhux aktar minn €800 s sabiex isiru 2 bozoz ġodda fi Triq Pace u Grasso u bozza oħra fi Triq Dun Ġorġ Preca k/m Triq Kent." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2576/09/6 kienet approvata nem com.

7.09 Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2577/09/6 "Sabiex il-Kunsill iħallas il-bilanċ skond rapport li joħroġ Perit fuq snaglist li hemm pending. Inkluż: Ħxuna ta' Tarmak u dawk l- affarijiet kollha li ma sarux skond specification." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2577/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur P.Dalli qal li l-idejali li l-Kunsill ikollu dan ir-rapport sal-laqgha li jmiss.

7.10 Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2578/09/6 "Biex dan il-Kunsill juża il-Fondi ta' €38,213 mill-UIF Fund għall-għeluq ta' Ġnien Patri Redent Gauci bil-ħadid dekorativ

hawnhekk anness." Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2578/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur C.Bonello u s-Sur M.Lombardo ivvutaw favur. Is-Sur A.Debono astjena.

7.11 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2579/09/6 "Dan il-Kunsill jiddeplora billi qawwa kollha ż-żewġ artikli li dehru fil-gażżetta tal-Ħadd il-Mument fil-ħarġa tat-18 ta' Ottubru 2009, paġna 2 u fil-ħarġa tal-25 ta' Ottubru, paġna 7 billi dawn l-artiklu kienu ntiżi biex inaqqsu l-istima li jgawdu s-Sindku, l-Viċi Sindku u Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Fgura, jiżirgħu il-firda politika f'livell lokali kontra l-interess tar-residenti tal-Fgura, barra milli jimminaw proċessi demokratiċi u ħielsa sew f'livell lokali kif ukoll nazzjonali." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri.

7.12 Is-Sur C.Bonello talab point of order minħabba li dawn l-artikli kienu jitrattaw individwi u mhux il-Kunsill Lokali Fgura per se. L-Individwi jistgħu liberalment jekk iħossu l-ħtieġa jagħmlu libell fuq bażi personali.

7.13 Il-Viċi-Sindku qara dawn l-artikli.

7.14 Is-Sindku qal li minħabba li f'dawn l-artikli jissemma l-Kunsill Lokali Fgura u l-ħidma tiegħu din il-mozzjoni għandha tkompli tiġi diskussa.

7.15 Il-mozzjoni ref: 2579/09/06 kienet approvata.

7.16 Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar. Is-Sur A.Debono, s-Sur C.Bonello u s-Sur M.Lombardo vvotaw kontra.

7.17 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2580/09/6 "Dan il-Kunsill fiż-żmien tliet ijiem wara li tkun approvata permezz ta l-avukat tiegħu jibgħat il-mozzjoni numru 2579/09/6 kif approvata dwar ż-żewġ artikli li dehru fil-gazzetta tal-Ħadd Il-Mument fil-ħarġa tat-18 ta' Ottubru 2009, paġna 2 u fil-ħarġa tal-25 ta' Ottubru, paġna 7 sabiex tkun ippublikata skont il-liġi ta' l-istampa." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri.

7.18 Il-mozzjoni ref: 2580/09/06 ma kienetx approvata.

7.19 Il-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur A.Debono, s-Sur C.Bonello u s-Sur M.Lombardo ivvotaw kontra.

## 8. <u>Aġġudikazzjoni tal-Offerti.</u>

8.1 Is-Sindku għadda l-kelma lis-Sinjura R.Cutajar rigward it-tender tad-dawl minħabba li hija l-Kunsilliera nkarigata minn din il-

materja. Is-Sinjura R.Cutajar qalet li wara li ndagat fuq dan it-tender sabet li dawn il-prezzijiet huma ftit għola mill-prezzijiet li kellna mal-Kumitat Konġunt. Is-Sinjura R.Cutajar kompliet tgħid li l-kuntratt li kien hemm bejn il-kuntrattur u l-Kumitat Konġunt għadu validu u jista jiġi estiż. Għalhekk tgħat il-parir lill-Kunsill biex iġedded il-kuntratt l-antik. Il-Kunsill qabel ma dan.

8.2 Rigward EI-17-09 Submissions of Expression of Interest to conduct a study based on consultation regarding a Better Quality of Living in Fgura l-Viċi-Sindku qal li s-Sotto-Kumitat għadu għaddej bil-proċess tal-evalwazzjoni.

8.3 Infetħet l-Expression of Interest EILP-17-09 Expression of Interest for the leasing of centrally located premises in Fgura accessible to all.

Intefgħet offerta waħda dik tas-Sur Brian Farrugia.

Wara diskussjoni sar qbil li minħabba li l-propjeta ma tissodisfax il-kriterji tal-Kunsill dwar iċ-ċentralita, għandha terġa toħroġ imma din id-darba tinkludi li preferibbilment il-post ikun fl-area indikata fis-site-plan aness.

## 9. Feedback Bring in Sites / Ittra lir-Residenti

9.1 Is-Sindku għadda l-kelma lis-Sur A.Debono minħabba li huwa l-Kunsillier inkarigat minn din il-materja.

Is-Sur A.Debono ta' rendikont tal-petizzjonijiet li rċevejna l-Kunsill rigward il-Bring in Sites. Ġie deċiż li rigward il-Bring in Sites ta' Triq il-Bieb ser issir proposta lill-Kunsill Lokali Zabbar biex dawn jitressqu fi Triq il-Ġnien konfini ma Zabbar.

Is-Sur C.Bonello qal li tista ssir Bring in Site fi Triq Valperga faċċata ta' Triq is-Sur u tiżdied dik li hemm f'Patri Redent Gauċi.

## 13. Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm u kienet aġġornata għas-17 ta' Novembru 2009 fis-6.30pm.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju